**17 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin: -**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S. - Aġent President**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmela armla ta' Giuseppe Bugeja, Ġanna mart Wiġi Bugeja, Pauline mart Salvatore Agius, Mary mart Angelo Cilia, Rose mart Pawlu Gatt, Joseph, Charles, Anthony u Nazzareno aħwa Bugeja

*versus*

Onorevoli Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta u għall-interess li jista' jkollu Isidoro Agius

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Ritrattazzjoni - Rikuża - Imħallef - Smigħ Xieraq**

*Ir-rikorrent allega li in kwantu r-ritrattazzjoni setgħet tinstema' mill-istess Imħallfin li semgħu l-kawża fl-ewwel lok kien jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tar-rikorrent u ddikjarat li l-kliem ta' l-art. 814 tal-Kap. 12 fir-rigward tas-sub-art. (i) u (1) ta' l-art. 811 ta' l-istess Kapitolu li jippermetti lill-istess imħallfin li qatgħu s-sentenza li jippresjedu l-kawża ta' ritrattazzjoni kienu jivvjolaw id-dritt tar-rikorrent għall-smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat fir-rigward ta' l-art. 811(i) u rrevokat fir-rigward ta' l-art. 811(1).*

Il-Qorti: -

Din hija deċiżjoni wara appell li sar permezz ta' żewġ rikorsi

separati u li ġew ippreżentati mill-intimati fuq imsemmijin minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Jannar 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi;

Fir-rikors ta' l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru huwa ppremetta:

Illi b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' April, 1993, ir-rikorrenti appellati ppremettew:

1. Illi huma għandhom kawża ta' ritrattazzjoni pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ibbażata fuq l-artikoli 811(i) u 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fl-ismijiet "Isidoro Agius *vs* Giuseppe Bugeja *et*" (Ritrattazzjoni Nru. 349/92);

2. Illi din il-kawża tinsab differita għas-sentenza tas-26 ta' April, 1993 quddiem l-istess imħallfin illi ddeċidew il-kawża oġġett tar-ritrattazzjoni tal-11 ta' Ġunju, 1992;

3. Illi l-esponenti jsostnu illi l-imsemmija Qorti ta' l-Appell, kif hija kkostitwita ma tistax tiddeċidi l-kawża ta' ritrattazzjoni, *nonostante* dak li jgħid l-artikolu 814 tal-Kodiċi msemmi, u dan għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza "Frank Cachia *vs* Onor. Prim Ministru *noe et*" tat-28 ta' Settembru, 1990 li rrigwardat l-artikolu 811(e) (applikazzjoni ħażina tal-liġi);

4. Illi l-esponenti jsostnu illi fil-każ preżenti, ċjoè ta' ritrattazzjoni fuq il-bażi ta' l-artikoli 811(i) u 811(*l*), hemm l-istess raġunijiet bħal fil-kawża deċiża fit-28 ta' Settembru, 1990, biex l-istess Imħallfin li taw is-sentenza ta' l-Appell ma jiddeċidux

il-kawża ta' ritrattazzjoni, ċjoè billi f'għajnejn l-applikanti jista' jkun hemm dubju dwar l-imparzjalità tal-Qorti;

5. Illi għalhekk l-artikolu 814, a rigward ta' l-artikoli 811(i) u 811(*l*) imur kontra d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti sanċit mill-artikolu 8(*l*) fl-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

6. Għaldaqstant l-esponenti talbu bir-rispett li dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) Tiddikjara illi l-kliem ta' l-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "u jistgħu joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati", jivvjolaw id-dritt fundamentali ta' l-esponenti sanċit fl-artikolu 6(1) fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987, u dan fir-rigward tas-subartikoli (i) u (*l*) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u konsegwentement is-smigħ tal-kawża ta' ritrattazzjoni mill-istess Imħallfin li ddeċidew is-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Ġunju, 1992 jivvjola wkoll id-dritt fundamentali ta' l-esponenti sanċit mill-artikolu 6(1) fl-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987; u

(ii) Tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawn l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fuq imsemmija jiġu protetti u salvagwardati anke jekk hemm bżonn billi tiddikjara nulla l-imsemmija parti ta' l-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq iċċitata fil-konfront u għar-rigward is-subartikoli (i) u (*l*) ta' l-artikolu 811 ta' l-istess Kodiċi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

Illi b'risposta ta' l-4 ta' Mejju, 1993, l-esponent wieġeb illi l-artikolu 814 tal-Kap. 12 jgħid li f'ritrattazzjoni "**jistgħu joqogħdu**" l-istess Imħallfin jew Maġistrati"; dan l-artikolu ma jgħidx li **għandhom joqogħdu** u għalhekk għandhom ikomplu japplikaw għal dik is-sitwazzjoni l-provvedimenti ta' l-artikolu 734 fejn ikun il-każ;

Jidher *prima facie* illi fejn ir-ritrattazzjoni ssir taħt il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 811 għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-artikolu 734, fil-waqt li dak l-artikolu ma japplikax fil-każ tal-paragrafi (ċ), (h), (i), (j) jew (*l*);

Għaldaqstant l-esponent fil-waqt li hu joqgħod għas-savju ġudizzju ta' dik l-Onorabbli Qorti dwar jekk il-proċess imsemmi mir-rikorrent għandux ikompli jinstema' mill-Qorti kif komposta, jissottometti illi l-imsemmi artikolu 814 tal-Kap. 12 korrettament interpretat u applikat ma jilledi ebda wieħed mid-drittijiet tar-rikorrent imsemmi minnu;

Bl-ispejjeż;

Illi b'sentenza tal-21 ta' Jannar 1994, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti appellati bl-ispejjeż kontra l-intimati appellanti ugwalment bejniethom;

Illi l-appellant Onor. Prim Ministru ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza u interpona appell minnha fuq aggravji li ser jissemmew aktar 'il quddiem;

Għalhekk l-appellant talab li dina l-Onorabbli Qorti joġgħobha tirrevoka s-sentneza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi tal-21 ta' Jannar, 1994, u minflok tiddikjara

li r-rikorrenti appellati kellhom disponibbli favur tagħhom ir-rimedju idoneju fiċ-ċirkostanzi, tar-rikuża ta' l-Imħallfin, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Sar ukoll rikors ta' l-Appell minn Isidoro Agius fejn wara li għamel mill-ġdid riferenza għar-rikors promotur tat-22 ta' April 1993 ta' l-appellati Bugeja, għar-risposta ta' l-appellant Prim Ministru u tiegħu u wara li ppremetta illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni, għalhekk interpona l-appell odjern u semma l-aggravji tiegħu li ser jiġu msemmijin u kkunsidrati aktar 'il quddiem fil-korp ta' dina d-deċiżjoni;

Dan l-appellant ukoll talab sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Jannar 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi tiċħad l-istanza tar-rikorrenti – bl-ispejjeż kontrihom;

Rat ir-risposta ta' l-appellati Carmela armla ta' Giuseppe Bugeja, Ġanna mart Wiġi Bugeja, Pauline mart Salvatore Agius, Mary mart Angelo Cilia, Rose mart Pawlu Gatt, Joseph, Charles, Anthony u Nazzareno aħwa Bugeja, għar-rikors ta' l-appell ta' Isidoro Agius, li biha wieġeb illi s-sentenza li minnha hemm appell hija ġusta u timmerita konferma u r-raġunijiet tiegħu l-għala l-appell għandu jiġi miċħud;

Rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat li permezz ta' l-imsemmija deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iż-żewġ talbiet ta' l-appellati Bugeja *et* ġew milqugħin, u dawn kienu jikkomprendu;

1. Dikjarazzjoni illi l-kliem ta' l-art. 814 tal-Kap. 12 "u jistgħu joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati" jivvjolaw id-dritt fundamentali ta' l-esponenti sanċit fl-art. 6(i) fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 u f'dan ir-rigward tas-sub-art. (i) u (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12, u konsegwentement is-smigħ ta' kawża ta' ritrattazzjoni mill-istess Imħallfin li ddeċidew is-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Ġunju 1992 jivvjola wkoll id-dritt fundamentali ta' l-esponenti (Carmela Bugeja *et)* sanċit mill-art. 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987; u

2. Tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fuq imsemmija jiġu protetti anki jekk hemm bżonn billi tiddikjara nulla l-imsemmija parti ta' l-art. 814 tal-Kap. 12 fuq iċċitata fil-konfront u għar-rigward is-sub-art. (i) u (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-appellant Onor. Prim Ministru avanza tliet lanjanzi bħala aggravji tal-preċitata sentenza li in suċċint kienu:

(1) Li ġiet miżinterpretata u kien hemm applikazzjoni ħażina tas-sentenza fil-kawża "Frank Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1991, kif diversament komposta;

(2) Li l-ewwel Qorti injorat għal kollox it-teżi tiegħu li l-appellati Bugeja *et* kellhom disponibbli favurihom ir-rimedju ordinarju tar-rikuża li kien wieħed effettiv u potenzjalment b'eżitu favorevoli;

(3) Li l-ewwel Qorti influwenzat ħafna ruħha bl-emendi

proposti fil-*"White Paper:* dwar tibdil fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

Illi inoltre fir-rikors ta' l-appell intavolat minn Isidoro Agius, ġew avanzati s-segwenti aggravji;

(1) Li l-ewwel Qorti ma avanzat l-ebda argument wieħed notevoli għaliex fil-fehma kkonsiderata tagħha n-nuqqas ta' astensjoni ta' l-Imħallfin dwar l-art. 811(i) u (*l*) jiksru d-dritt fundamentali ta' l-appellati sanċit fl-art. 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

(2) Li ma sarx apprezzament mistħoqq tas-sentenza "Frank Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" li kienet ċirkoskritta għall-art., 811(e);

(3) Li messha l-ewwel Qorti ħadet il-monitu espress fis-sentenza **Salomone *et vs* Dingli** mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Ottubru 1992, u mhux ma tikkondividix l-istess, li wieħed għandu jevita l-estrem "li jiddubita mill-kapaċità jew l-integrità tal-ġudikant li jiddistingwi bejn l-abjad u l-iswed";

(4) Li l-ewwel Qorti ma tantx tat wisq affidament għall-osservazzjoni magħmulha fis-sentenza "Formosa *vs* Direttur tas-Sigurtà Soċjali, Appell Ċivili ta' l-4 ta' Mejju 1992 fis-sens li "sentenza tal-Qorti fuq punt ta' dritt għandha *per regola* tiġi segwita.....għax diversament ikollok anarkija";

(5) Li stabbilit il-premess meta wieħed jeżamina attentament is-subinċiżi (i) u (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12 ma jidhirx li huwa l-każ illi jista' jiġi dedott *simpliciter* li jekk l-istess ġudikanti jonqsu li jastjenu dawk ikunu qed jivvjolaw xi dritt

fundamentali kif ġie deċiż mill-ewwel Qorti;

Illi l-Qorti ħadet kont approfondit tal-kliem testwali li jikkomprendu s-sub-artikoli (i) u (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12, u kkomparathom mas-subartikolu (e) ta' l-istess artikolu u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-partijiet, fil-kuntest tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati għal-liema wkoll saret riferenza u dan dejjem fl-ambitu ta' dak li qegħdin jitolbu l-appellanti u tar-risposti mogħtijin mill-appellati Bugeja. Ma hemmx dubju li l-leġislatur, konxju mid-diffikultajiet li neċessarjament jinqalgħu jew jistgħu jinqalgħu fi proċeduri ta' ritrattazzjoni, qagħad attent li ma jobbligax lill-ġudikant li quddiemu tkun diġà nstemgħet u deċiża l-kawża li bilfors jismagħha hu mill-ġdid fil-każ li terġa' tiġi quddiemu. Għalhekk skond l-art. 814 tal-Kap. 12 hemm biss li ġudikanti f'tali eventwalità "jistgħu joqogħdu". Minbarra dan hemm ukoll il-fakoltà li l-partijiet jew waħda minnhom, titlob ir-rikuża tiegħu jew tagħhom. Illi **minkejja dana kollu,** din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fid-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Settembru 1990 fil-kawża "Frank Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" xorta waħda ħasset u ddeċidiet li in kwantu jikkonċerna s-subartikolu (e) ta' l-art. 811 li jipprospetta każi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, ma jistax ikun li r-ritrattazzjoni ssir mill-istess ġudikant li jkun qata' l-kawża;

Illi kuntrarjament għal dak li ġie sottomess miż-żewġ appellanti, l-ewwel Qorti tagħmel sew dak li ġie ddeliberat u deċiż fis-sentenza "Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" fuq imsemmija u meta hija estendiet għall-istess raġunijiet ir-***ratio deċidendi*** għas-subartikoli (i) u (l), ukoll, dana għamlitu konxjament u konsapevolment mingħajr l-allegata miżinterpretazzjoni msemmija mill-appellant Onor. Prim Ministru. Jidher ovvju li

s-sentenza "Cachia *vs* Prim Ministru *et*" ma setgħetx testendi d-deċiżjoni tagħha biex tkopri l-art. 811 *in toto* għaliex ma kinitx qiegħda tiġi mitluba biex tagħmel hekk u kwindi ma setgħetx temana deċiżjoni li tkun ***ultra petita***. Għalhekk hija qalet li bid-deċiżjoni tagħha ma jfissirx "li hu hekk fil-każijiet l-oħra kollha li jissemmew fl-art. 811....." Ma qalitx li **ma jistax ikun hekk** imma li m'għandux jittieħed li tali deċiżjoni tolqot l-artikolu sħiħ;

Illi jirriżulta wkoll li bejn is-sentenza fil-kawża "Cacia *vs* Onor. Prim Ministru" u d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti, ingħatat deċiżjoni oħra, din id-darba mill-Qorti ta' l-Appell u dana fil-kawża "Lucia Salomone *et vs* Francis Dingli" fit-13 ta' Ottubru 1992 fejn il-punt in kwistjoni reġa' tqajjem riferibbilment però għas-subartikoli (f), (g) u (*l*) ta' l-art. 811 fejn ġie deċiż li l-prinċipji enunzjati fis-sentenza "Cachia *vs* Onor. Prim Ministru", "ma jistgħux japplikaw ukoll għall-każijiet ikkontemplati fil-paragrafi (f), (g) u (*l*) ta' l-art. 811 peress li dawk il-paragrafi jikkontemplaw BISS kwistjonijiet ta' fatt u ta' xejn aktar li jew jirriżultaw jew ma jirriżultawx u għalhekk kwistjonijiet ta' imparzjalità u preġudizzju sempliċement ma jidħlux.....";

Issa anke f'dan il-każ, l-ewwel Qorti ma injoratx, kif *invece* ġie sottomess mill-appellanti, dak li ġie ritenut f'din is-sentenza anzi jirriżulta li kkonsidratu sew però madankollu dehrilha li m'għandhiex issegwih. Dan m'għamlitux leġġerment kif donnu ried jintendi l-appellant Isidoro Agius fir-rikors tiegħu imma bbażat ruħha fuq żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni kienet li hija (i.e. l-ewwel Qorti) ma kinitx tikkondividi l-fehma tal-Qorti ta' l-Appell li s-sub-art. (*l*) "jikkontempla biss kwisjtoni ta' fatt, għaliex fil-fehma tagħha dan l-artikolu jitlob illi jiġi ddeterminat jekk is-sentenza relattiva kinitx l-effett ta' żball"; u t-tieni raġuni

kienet li s-sentenza "Salomone *et vs* Dingli" b'ebda mod ma kkunsidrat l-art. 811(i) tal-Kap. 12". Għandu wkoll jiġi rrilevat li dwar il-kawża "Salomone – Dingli" hemm ***sub judice*** kawża oħra konnessa ta' *indole* kostituzzjonali. Barra minn dan, l-ewwel Qorti ma kinitx marbuta li ssegwi neċessarjament dak li ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell. Anzi, l-ewwel Qorti marret oltre u aċċettat ukoll l-argument ta' l-appellati Bugeja *et* illi skond "*White Paper*" *tutt'ora* in diskussjoni proponenti emendi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hemm ikkontemplat li sakemm ma jingħatax espressament il-kunsens tal-partijiet, f'każi ta' ritrattazzjoni m'għandux il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-istess ġudikant riferibbilment għall-paragrafu (e), (f), (g), (i) u (*l*) ta' l-art. 811. Naturalment, l-emendi proposti fil-"*White Paper*" m'humiex liġi u jistgħu jinbidlu faċilment u ma jistax wieħed jorbot fuqhom però lanqas ma għandu wieħed jinjorahom bħallikieku xejn għaliex ċertament huma ta' lanqas indikattivi tal-"*mens legis*" li jixtieq possibbilment jaddotta l-leġislatur fil-konfront ta' l-art. 814 tal-Kap. 12 biex b'hekk dan ikun kompatibbli mal-kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-lanjanzi ta' l-appellanti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u jidhrilha li fl-ewwel lok *una volta* li l-appellati deherilhom li s-sub-art. (i) u (*l*) ta' l-art. 811 huma anti-kostituzzjonali kienu liberi li jintavolaw rikors *ad hoc* u independentement mir-rimedji kkontemplati bil-liġi ordinarja għar-raġuni li huma riedu jattakkaw u jannullaw dik il-parti tal-liġi u kwindi ma kienx il-każ li jsegwiha bil-proċedura ordinarja ta' l-appell. Ma jistax jingħad li t-talbiet tagħhom kienu xi "kapriċċ" għaliex diġà kien hemm deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar il-paragrafu (e), kien hemm ukoll il-pubblikazzjoni ta' emendi f'*White Paper* li jsostnu sa ċertu punt il-ħsieb tagħhom u f'kull

każ ma kienx għad hemm deċiżjoni dwar il-paragrafu (i) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12. It-tieni konsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija li trid tinżamm distinzjoni bejn iż-żewġ sub-artikoli (i) u (*l*) mertu ta' dan l-appell għar-raġuni li filwaqt li l-paragrafu (*l*) huwa tabilħaqq impernjat fuq żball ta' **fatt**, il-paragrafu (i) *invece* jikkontempla l-każ fejn fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Għaldaqstant il-Qorti sejra żżomm l-istess żewġ paragrafi separati minn xulxin għall-fini ta' deliberazzjoni. Illi dwar il-paragrafu (*l*) trattandosi ta' possibbilità ta' żball fattwali – u hawn din il-Qorti **mhix taqbel** mal-fehma espressa mill-ewwel Qorti, ma jidhrilhiex li huwa l-każ li testendi ***mutatis mutandis*** dak li ġie ritenut u deċiż fis-sentenza "Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" meta din iddeċidiet dwar l-art. 811(e). **Jista'** jiġri li l-apprezzament mill-ġdid tal-fatti jkun tali li jkun aktar xieraq li l-kawża tiġi mismugħa u deċiża minn ġudikanti differenti imma f'dan il-każ dak li hemm stipulat fil-liġi ordinarja, joffri garanziji biżżejjed u m'għandux jitqies li fil-każ ikkontemplat fil-paragrafu (*l*) ta' l-art. 811 hemm xi vjolazzjoni kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan is-sens għalhekk din il-Qorti jidhrilha li dak li ġie ġà ritenut u deċiż fil-kawża "Salomone *et vs* Dingli" fit-13 ta' Ottubru 1992 huwa validu, ġust u korrett. Għalhekk in kwantu jikkonċerna l-paragrafu (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12 l-appell tar-rikorrenti Onor. Prim Ministru u ta' Isidoro Agius huwa fondat u għandu jintlaqa';

Illi dwar il-paragrafu (i) *invece*, din il-Qorti hija tal-fehma li l-posizzjoni hija differenti. Hawn *si tratta* ta' każ fejn qed jiġi pprospettat li l-Qorti li tkun emanat is-sentenza tkun tat deċiżjoni kontradittorja in bażi tal-liġi u mhux in bażi ta' żball ta' fatt. Jista' jingħad li anke hawn allura wieħed għandu jippreżumi li kull ġudikant integru, rett u ta' fibra kapaċi jara u jaċċetta

tali kostatazzjoni, iżda fl-istess waqt wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-ġudizzju għandu **jidher li** jkun ġust u imparzjali anke f'għajnejn u fil-konsiderazzjoni ta' kull waħda mill-partijiet involuti. Dan iġibna għas-sentenza "Onor. L. Sant *vs* Kummissarju tal-Pulizija" mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' April 1990 li straħet ħafna fuq il-każ "De Cubber" deċiż fis-26 ta' Ottubru 1984 mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jingħad mill-ewwel li dan il-każ kien dwar proċeduri kriminali u mhux ċivili, li ma kienx dwar ritrattazzjoni u li l-mertu wkoll kien kemmxejn differenti. B'danakollu, u hawn ir-rilevanza tiegħu, il-Qorti Ewropeja rriteniet li jkun hemm ksur ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta "*the impartiality of the Court was capable of appearing to the applicant to be open to doubt*". Fil-każ ipprospettat fil-paragrafu (i), l-istess ġudikant ikun qed jiġi adit u mitlub mill-parti biex jiddeċidi mill-ġdid għar-raġuni li s-sentenza li jkun ta hu stess kienet kontradittorja jew aħjar, biex jintuża l-istess kliem tal-liġi, tkun tikkontjeni "disposizzjonijiet kontra xulxin". Kemm jista' jitqies li fiċ-ċirkostanzi l-parti promotriċi tkun tħossha fiduċjuża soġġettivament fl-imparzjalità tal-Qorti ppresjeduta mill-istess ġudikant/i f'sitwazzjoni simili?

Illi għandu jingħad li l-kunċett ta' imparzjalità mhux dejjem wieħed faċli biex tiddefinieh jekk ma jkollokx quddiemek il-każ konkret. Fil-kitba awtorevoli tiegħu "*The Guarantees for Accused Persons under art. 6 of the European Court on Human Rights*", *(M. Nijhofs Publishers, 1992, Ch. 2, p. 144), Stephanos Stavors jiċċita l-każ "Piersack vs Belgium"* biex jgħid li b'imparzjalità nifhmu:

"*The absence of prejudice or bias*";

Iżda ma jieqafx hawn:

*"The maxim 'justice must be seen to be done' has been frequently applied in complaints of lack of impartiality as well";*

Dejjem fuq dan it-tieni aspett tal-kunċett ta' imparzjalità jkompli jelabora illi:

*"Although the impression of the accused is a factor of considerable importance, the Convention organs have reserved the right to review the 'reasonableness', or 'legitimacy' of any doubts created as to the impartiality of the Court"* u hawn jagħmel riferenza għal *"Campbell and Fell vs United Kingdom" (1984)* u "Sramek *vs Austria" (1984);*

Illi fid-dawl tad-deċiżjoni "F. Cachia *vs* Onor. Prim Ministru" kif ukoll tenut kont tal-fehma tal-leġislatur kif manifesta fil-"*White Paper*" imsemmija **supra**, għandu jirriżulta li l-lanjanza ta' l-intimat appellant dwar il-paragrafu (i) hi waħda **raġonevoli** u **leġittima** u per konsegwenza hija waħda fondata. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali rraviżat vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem taħt l-art. 811(e) meta jitħaddem ma' l-art. 814 tal-Kap. 12, għandu jsegwi li fil-każ ta' l-art. 811(i) tali vjolazzjoni teżisti wkoll;

Illi bħala l-aħħar żewġ osservazzjonijiet għandu jingħad li meta deċiżjoni jsir appell minnha, l-appell jinstema' minn ġudikant/i oħrajn. Dan mhux il-għaliex l-ewwel ġudikant m'għandux il-fibra morali jew l-integrità neċessarja li jerġa' jisma' l-każ mill-ġdid imma proprju l-għaliex l-imparzjalità fi smigħ ta' kawża għandha wkoll **tidher** li qiegħda ssir. Is-smigħ ta' appell jibqa' dejjem distint minn proċedura ta' ritrattazzjoni.

Ir-ritrattazzjoni għalhekk ma għandhiex titqies bħala xi appell ulterjuri, speċi ta' tielet istanza;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt illi **tilqa'** l-appell magħmul mill-Onor. Prim Ministru u Isidoro Agius in kwantu jikkonċerna s-subartikolu (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12 u f'dan il-kuntest għalhekk qiegħda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata dwar dan il-paragrafu, fl-istess waqt però in kwantu l-appell jirreferi wkoll u jitlob ir-revoka ta' l-istess sentenza in kwantu jikkonċerna s-subartikolu (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12, hija **tiċħad** din il-parti tat-talba magħmula miż-żewġ appellanti u f'dan il-kuntest hija tikkonferma s-sentena tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-21 ta' Jannar 1994;

Il-kap ta' l-ispejjeż ta' dina l-istanza għandu jinqasam u jiġi ssopportat kwantu għal kwart kull wieħed (¼) miż-żewġ appellanti u r-rimanenti nofs (½) mill-appellati.